MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 650/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**MRCM Caterers Limited (C-24401) u**
**Mario Scerri (K.I. 136958M)**

**Fil-konfront tal-konvenut Mario Scerri biss.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' seba' mija, erbgha u disghin ewro, u hamsa u hamsin ewro centezmu (€794.55) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lis-Socjeta attrici in konnessjoni ma' servizzi telefonici li jgibu in-numri 2142 1560, 2142 1561 u 2142 1562 (AC 10190097) , u 2142 1690, 2142 1652 (CN1038644 u AC 40045650) skont dokumenti annessi mat-talba mmarkati bhala IZY 1,2,3,4,5, u 6.

Illi l-konvenut Mario Scerri gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz u li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Ingrid Zammit Young fil-21 ta' Jannar, 2010 fir-rigward ta'Mario Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------